**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 94/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**Illum 22 ta' April 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX f'ismu proprio u f'isem is-soċjetà XXX fis-26 ta' Marzu 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar, jirrevoka u jikkanċella l-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-20 ta' Frar 2013 fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10, jew inkella liema minnhom, prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhirlu xieraq, bl-ispejjeż kontra d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent proprio et nomine mill-istimi maħurġa minnu fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent proprio et nomine, u minflok l-imsemmija stimi jiġu ikkonfermati stante li: (i) għalkemm huwa minnu li hemm uħud mill-istimi kontestati li huma preskritti, u b'hekk ser isir il-kanċellament meħtieġ, dawn huma biss l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06 u 01.05.06-31.07.06 u mhux l-istimi kollha kif jagħti *ad intendere* r-Rikorrent proprio et nomine; (ii) minħabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni

tar-Rikorrent, kien se jiskatta l-perijodu ta' preskrizzjoni għall-istimi u għalhekk l-istess Rikorrent kien iffirma dikjarazzjoni datata 14 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li: *that if any VAT provisional assessments and vat ASSESSMENTS are raised for tax periods starting from January 2006 onwards in respect of the above mentioned companies, no objection will be raised at Audit stage, review stage, Administrative Tribunal and Court of Appeal in respect of time-barred provision as provided in the VAT Act. I wish to add that the decision to accept what would otherwise be time-barred assessments is being done of my own free will".* Konsegwentement għalhekk, apparte l-istimi già indikati, l-ebda waħda mir-rimanenti stima ma hija preskritta; (iii) fil-każ in eżami għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta stante li r-Rikorrent naqas milli jipprovdi d-dokumentazzjoni pertinenti għas-soċjetà XXX lilu mitluba; (iv) ma huwiex minnu li l-istimi finali ma kienux preċeduti minn stimi proviżorji kif meħtieġ a tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (v) lanqas ma huwa minnu li l-istimi finali ma nħarġux entro it-terminu previst fl-Artikolu 32(3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia wara tletin jum u qabel sitt xhur min-notifika ta' l-istimi proviżroji; u fil-mertu (vi) ma huwiex minnu li l-istimi kontestati huma inġusti u rraġonevoli, anzi huma ġusti u skond il-Liġi u jisħoqqilhom konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "H" a fol. 14 sa' 45 tal-proċess;

Sema' x-xhieda ta' Stefan Manicolo, uffiċjal tat-Tax Compliance Unit, mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2014[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SM" a fol. 61 sa' 108 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Josef Abela, uffiċjal tat-Tax Compliance Unit, mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Jannar 2014[2] u ta' l-1 ta' Diċembru 2014[3], u x-xhieda ta' Stefan Psaila mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2014[4] u ra d-dokument esebit minnu Dok. "SP1" a fol. 126 tal-proċess, sema' x-xhieda tar-Rikorrent XXX mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Mejju 2014[5] u tas-16 ta' Novembru 2015[6] u x-xhieda ta' Jesmar Bilocca, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2015[7];

Ra s-sentenza preliminari pronunċjata fit-3 ta' Lulju 2020[8] li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u konsegwentement ġie dikjarat li r-Rikorrent proprio et nomine huwa prekluż milli fil-kors tal-proċeduri jissottometti d-dokumentazzjoni, dokumenti u konteġġi lilu mitluba mit-Tax Compliance Unit fil-kors ta' l-investigazzjoni fil-konfront tas-soċjetà XXX u li ma ġietx sottomessa fil-kors ta' tali investigazzjoni;

[1] Fol. 109 sa' 121 tal-proċess.
[2] Fol. 122 sa' 124 tal-proċess.
[3] Fol. 141 tal-proċess.
[4] Fol. 127 sa' 131 tal-proċess.
[5] Fol. 133 sa' 136 tal-proċess.
[6] Fol. 155u 156 tal-proċess.
[7] Fol. 151 tal-proċess.
[8] Fol. 193 sa' 209 tal-proċess.

Ra li waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2020[9], id-Difensur tar-Rikorrent proprio et nomine talab li t-Tribunal jagħti deċiżjoni dwar l-ewwel tlett aggravji ta' l-appell sollevati mill-imsemmi Rikorrent proprio et nomine;

Ra li waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2020[10], Roderick Zammit Randich, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, iddikjara li l-istimi finali maħruġa fil-konfront ta' XXX huma kollha validi u fir-rigward ta' stimi proviżorji li ma ġewx segwiti bi stimi finali entro t-terminu previst fil-Liġi, fil-fatt ma nħarġux stimi finali għalihom;

Ra n-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxi ppreżentata fl-4 ta' Diċembru 2020 a fol. 213 sa' 252 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2021[11] il-partijiet kontendenti ddikjaraw li apparte dak li già hemm fil-proċess, ma għandhomx provi oħra relattivament għall-ewwel tlett aggravji ta' l-appell sollevati mir-Rikorrent propio et nomine u joqgħodu fuq l-atti proċesswali;

Ra l-atti tal-kawża;

## Ikkonsidra:

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent proprio et nomine jikkontesta tmintax-il stima datata 20 ta' Frar 2013 maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10[12] permezz ta' liema qed jesiġi ħlas tas-somma ta' €112,893.19 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €22,578.63 rappreżentanti penali amministrattivi u s-somma ta' €61,832.70 rappreżentanti imgħaxijiet, komplessivament ammontanti għal **€197,304.52.**

Huwa jitlob li l-imsemmija stimi jew liema minnhom jiġu mħassra, irrevokati u kkanċellati, u dana a bazi tas-segwenti aggravji: (i) l-istimi mertu ta' l-appell huma perenti ai termini ta' l-Artikolu 32 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) l-istimi in kwistjoni ma ġewx preċeduti minn stimi proviżorji kif mitlub fl-Artikol 32(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) l-istimi ma nħarġux wara tletin jum u qabel sitt xhur min-notifika lilu ta' l-istimi proviżorji kif mitlub fl-Artikolu 32(3) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) l-istimi ma humiex korretti, billi d-denunzji tat-taxxa intavolati minnu kienu sħaħ u korretti, u għalhekk ma kienx hemm lok għall-ħruġ ta' stimi fil-konfront tiegħu; u (v) l-ammonti indikati mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-istimi in kwistjoni la huma ġusti u lanqas raġonevoli.

[9] Fol. 211 tal-proċess.
[10] Fol. 212 tal-proċess.
[11] Fol. 254 tal-proċess.
[12] Fol. 36 sa' 44 tal-proċess.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent proprio et nomine mill-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) għalkemm huwa minnu li hemm uħud mill-istimi kontestati li huma preskritti, u b'hekk ser isir il-kanċellament meħtieġ, dawn huma biss l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06 u 01.05.06-31.07.06 u mhux l-istimi kollha kif jagħti *ad intendere* r-Rikorrent proprio et nomine; (ii) minħabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tar-Rikorrent, kien se jiskatta l-perijodu ta' preskrizzjoni għall-istimi u għalhekk l-istess Rikorrent kien iffirma dikjarazzjoni datata 14 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li: *that if any VAT provisional assessments and vat ASSESSMENTS are raised for tax periods starting from January 2006 onwards in respect of the above mentioned companies, no objection will be raised at Audit stage, review stage, Administrative Tribunal and Court of Appeal in respect of time-barred provision as provided in the VAT Act. I wish to add that the decision to accept what would otherwise be time-barred assessments is being done of my own free will".* Konsegwentement għalhekk, apparte l-istimi già indikati, l-ebda waħda mir-rimanenti stima ma hija preskritta; (iii) fil-każ in eżami għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta stante li r-Rikorrent naqas milli jipprovdi d-dokumentazzjoni lilu mitluba; (iv) ma huwiex minnu li l-istimi finali ma kienux preċeduti minn stimi proviżorji kif meħtieġ a tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (v) lanqas ma minnu li l-istimi finali ma nħarġux entro t-terminu previst fl-Artikolu 32(3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia wara tletin jum u qabel sitt xhur min-notifika ta' l-istimi proviżroji; u fil-mertu (vi) ma huwiex minnu li l-istimi kontestati huma inġusti u rraġonevoli, anzi huma ġusti u skond il-Liġi u jisħoqqilhom konferma.

In segwitu għas-sentenza preliminari pronunċjata fit-3 ta' Lulju 2020, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), ir-Rikorrent proprio et nomine talab li jiġu trattati l-ewwel tlett aggravji ta' l-appell sollevati minnu.

Għaldaqstant, f'din id-deċiżjoni ser jiġu trattati u determinati l-ewwel tlett aggravji fuq liema r-Rikorrent proprio et nomine jibbaża l-appell mill-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10.

**L-ewwel aggravju:**

Bl-ewwel aggravju tiegħu r-Rikorrent proprio et nomine jikkontendi li l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri huma perenti ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Mallta.

L-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li denunzja tat-taxxa magħmula minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal żmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni sħiħa u korretta ta' l-informazzjoni meħtieġa li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jagħmel stima proviżorja u għandu jinnotifika dik l-istima proviżorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi żmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbagħat id-denunzja ta' taxxa għal dak iż-żmien ta' taxxa, skond liema data tiġi l-aktar tard.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ferm ċar li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu entro t-terminu perentorju ta' sitt snin, dekoribbli mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa in kwistjoni jew mid-data meta tintbagħat id-denunzja tat-taxxa, skond liema tiġi l-iktar tard, joħroġ u jinnotifika lit-*taxpayer*, fil-każ in eżami is-soċjetà XXX, bi **stimi proviżorji**.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-istimi proviżorji fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10 inħarġu fit-12 ta' Novembru 2012[13] u ġew lilha notifikati fis-16 ta' Novembru 2012[14].

It-Tribunal josserva li ħlief għal dak li jirrigwarda d-denunzji tat-taxxa għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, fejn il-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara li s-soċjetà XXX issottomettiet id-denunzji tagħha entro t-terminu[15], u b'hekk it-terminu ta' sitt snin beda jiddekorri mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa in kwistjoni, ma tressqitx prova dwar meta ġew sottomessi d-denunzji tat-taxxa ta' l-imsemmija soċjetà għall-perijodi ta' taxxa 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10. Għaldaqstant, għall-finijiet ta' kalkolu tat-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal neċessarjament se jkollu jorbot mat-tmiem tal-perijodi ta' taxxa in kwistjoni.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.11.05-31.01.06** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Jannar 2012**. Ladarba l-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, huwa bilwisq evidenti li l-istima għal dan il-perijodu ta' taxxa hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandha tiġi revokata u kkanċellata. Dana il-fatt huwa in effetti rikonoxxut anke mill-Kummissarju tat-Taxxi.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.02.06-30.04.06** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sat-**30 ta' April 2012**. F'dan il-każ ukoll ladarba l-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, isegwi li l-istima għal dan il-perijodu ta' taxxa

[13] Fol. 22 sa' a tergo ta' fol. 30 tal-proċess.
[14] A tergo ta' fol. 21 tal-proċess.
[15] Para. 4 tan-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 215 tal-proċess.

wkoll hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandha tiġi revokata u ikkanċellata. Dana il-fatt ukoll huwa rikonoxxut mill-Kummissarju tat-Taxxi.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.05.06-31.07.06** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Lulju 2012**. Hawn ukoll ladarba l-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, isegwi li l-istima għal dan il-perijodu ta' taxxa hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandha tiġi revokata u ikkanċellata. Hawn ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi jirrikonoxxi li din l-istima hija perenta ai termini tal-Liġi.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.08.06-31.10.06** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Ottubru 2012**. Hawn ukoll ladarba l-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, isegwi li l-istima għal dan il-perijodu ta' taxxa hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandha tiġi revokata u ikkanċellata. Hawn ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi jirrikonoxxi li din l-istima hija perenta ai termini tal-Liġi.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.11.06-31.01.07** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Jannar 2013**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, u cioè entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.11.06-31.01.07 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.02.07-30.04.07** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sat-**30 ta' April 2013**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, ossia ben entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07 ukoll ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.05.07-31.07.07** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Lulju 2013**. Din l-istima proviżorja wkoll inħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, ben entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.05.07-31.07.07 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.08.07-31.10.07** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Ottubru 2013**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.07-31.10.07 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.11.07-31.12.07** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Diċmebru 2013**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.11.07-31.12.07 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.01.08-31.01.08** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Jannar 2014**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08-31.01.08 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.02.08-30.04.08** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sat-**30 ta' April 2014**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.02.08-30.04.08 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.05.08-31.07.08** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Lulju 2014**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.05.08-31.07.08 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.08.08-31.10.08** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Ottubru 2014**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.08-31.10.08 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.11.08-31.01.09** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Jannar 2015**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.02.09-30.04.09** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sat-**30 ta' April 2015**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta'**

**Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.02.09-30.04.09 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.05.09-31.07.09** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Lulju 2015**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.05.09-31.07.09 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.08.09-31.10.09** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Ottubru 2015**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.09-31.10.09 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa **01.11.09-31.01.10** kellha tinħareġ u tiġi notifikata lis-soċjetà XXX sal-**31 ta' Jannar 2016**. L-istima proviżorja għal dan il-perijodu ta' taxxa nħarġet fit-12 ta' Novembru 2012 u ġiet notifikata fis-**16 ta' Novembru 2012**, entro t-terminu perentorju ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, f'dan il-każ ukoll l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.11.09-31.01.10 ma hijiex perenta ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta għalhekk li l-ewwel aggravju ta' l-appell tar-Rikorrent proprio et nomine huwa ġustifikat biss u limitatament għal dak li jirrigwarda l-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Tollsman Hardware Limited għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06 u 01.08.06-31.10.06, in kwantu dawn l-istimi effettivament jirriżultaw li huma perenti ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni aggravju:**

Bit-tieni aggravju tiegħu r-Rikorrent proprio et nomine jikkontendi li *ma jirriżultax li l-intimat innotifika lill-esponenti bi stejjem provviżorji fir-rigward tal-perijodi ta' taxxa kollha li għalihom inħarġu l-istejjem appellati. B'konsegwenza, l-istejjem appellati huma rritwali u nulli u għandhom jiġu kollha annullati.*

It-Tribunal huwa kemm xejn perpless b'dan l-aggravju tar-Rikorrent proprio et nomine għar-raġuni li apparte l-fatt li mill-atti proċesswali jirriżulta li s-soċjetà XXX kienet ġiet debitament notifikata bl-istimi proviżorji maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u

01.11.09-31.01.10[16], jirriżulta wkoll b'mod ċar u lampanti li l-istess soċjetà kienet talbet għar-Review ta' dawn l-istimi proviżorji. Prova ta' dan ġiet sottomessa mill-Kummissarju tat-Taxxi flimkien man-Nota minnu ppreżentata fl-4 ta' Diċembru 2020, fol. 219 sa' 252 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dan osservat jirriżulta għalhekk illi t-tieni aggravju ta' l-appell sollevat mir-Rikorrent proprio et nomine ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

**It-tielet aggravju:**

Bit-tielet aggravju ta' l-appell ir-Rikorrent proprio et nomine jikkontendi li *ma jirriżultax li l-istejjem appellati nħarġu fit-termini preskritti mill-Artikolu 32(3) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. B'konsegwenza li l-istejjem appellati huma kollha nulli u għandhom jiġu revokati.*

L-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *wara li jgħaddi żmien ta' mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur minn notifika ta' stima proviżorja li l-persuna dwar żmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jagħmel stima tal-output tax u t-tnaqqis ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li għaliha dik il-persuna tkun ġiet suġġetta u għandu jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna.*

Kif già iktar 'l fuq osservat l-istimi proviżorji ġew notifikati lis-soċjetà XXX fis-**16 ta' Novembru 2012**. Fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ifisser li l-Kummissarju tat-Taxxi kellu joħroġ l-istimi ta' l-output tax, input tax u tal-penali amministrattivi li għalihom ġiet soġġetta l-imsemmija soċjetà mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur mis-16 ta' Novembru 2012. Il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ tali stimi **fl-20 ta' Frar 2013**[17] u ġew notifikati lis-soċjetà XXX **fit-28 ta' Frar 2013**[18] u cioè ben entro t-terminu prefiss fl-imsemmi Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan osservat jirriżulta għalhekk li t-tielet aggravju ta' l-appell sollevat mir-Rikorrent proprio et nomine ma huwiex ġustifikat u ma jisħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad it-tieni u it-tielet aggravju sollevati mir-Rikorrent proprio et nomine, jilqa' in parte l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrent proprio et nomine u jiddikjara li l-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà XXX għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06 u 01.08.06-31.10.06 huma perenti ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement iħassar u jirrevoka l-imsemmija stimi hekk maħruġa fil-konfront ta' l-imsemmija soċjetà.

It-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawża fir-rigward tar-rimanenti stimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà XXX, ossia l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09 u 01.11.09-31.01.10, senjatament sabiex jiġu trattati u determinati r-raba' u l-ħames aggravji ta' l-appell

[16] A tergo ta' fol. 21 tal-proċess.
[17] Fol. 36 sa' a tergo ta' fol. 44 tal-proċess.
[18] A tergo ta' fol. 35 tal-proċess.

sollevati mir-Rikorrent proprio et nomine, u dana fid-dawl ta' dak provdut fis-sentenza preliminari pronunċjata fit-3 ta' Lulju 2020 relattivament għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni kontemplata fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu a karigu tar-Rikorrent proprio et nomine.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Rikorrent proprio et nomine.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**